

Brussell, 2 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13244/25

SOC 625
EMPL 412
GENDER 177
ANTIDISCRIM 86
JAI 1316
DROIPEN 109

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 12756/1/25 REV 1	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika: prevenzjoni, identifikazzjoni bikrija u intervent - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Presidenza ħejjiet sett ta' abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "il-Vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika: prevenzjoni, identifikazzjoni bikrija u intervent."
2. Il-Konklużjonijiet ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-3 ta' Lulju, l-4 ta' Settembru u t-22 ta' Settembru 2025.

3. Intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz tat-test kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.
 4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet fl-Anness ta' din in-nota lill-Kunsill EPSCO għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2025.
-

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika:
prevenzjoni, identifikazzjoni bikrija u intervent**

FILWAQT LI JINNOTA LI

1. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija dritt fundamentali u valur fundatur tal-Unjoni Ewropea, minqax fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta").
2. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li "fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa".
3. Il-Karta tiddikjara li "l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha" u li "kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-integrità fiżika u mentali tagħha."
4. Il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika għandhom l-għeruq tagħhom fl-inugwaljanza storika u strutturali fir-relazzjonijiet ta' poter bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż is-sessismu. Huma forom ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru mwettqa primarjament fuq in-nisa u l-bniet mill-irġiel. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika huma responsabbiltà tas-soċjetà, peress li l-vjolenza ddgħajjed l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-dritt tan-nisa u l-bniet għall-ugwaljanza fl-oqsma kollha tal-ħajja, u xxekkel il-parteċipazzjoni ugwali tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, u tista' twassal għal konsegwenzi serji għas-saħħa jew għas-sikurezza u anke fatalitajiet. Is-sitwazzjonijiet ta' kriżi u l-kunflitti jżidu b'mod sinifikanti r-riskju ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. Is-soċjetajiet ħielsa mill-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika mhux biss ser ikunu aktar sani u sikuri, iżda ser ikunu wkoll aktar siguri, prosperi u demokratiċi.

5. Il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jieħdu ħafna forom differenti, inkluż il-vjolenza fiżika, psikoloġika, sesswali, ekonomika u dik iffaċilitata mit-teknoloġija, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwieġ furzat, il-vjolenza relatata mal-unur, u l-femiċidju. It-tendenzi assoċjati mal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jinkludu wkoll il-kontroll koerċittiv.
6. Il-Premessa 6 tad-Direttiva 2024/1385/UE dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika tirrikonoxxi li l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jistgħu jiġu aggravati meta persuna tkun soġġetta għal diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess flimkien ma' kwalunkwe raġuni jew raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 21 tal-Karta. Barra minn hekk, ċerti vittmi jistgħu jiffaċċaw riskju akbar ta' vjolenza skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom inkluż dawk imsemmija fil-Premessa 71 tad-Direttiva.
7. F'"EU Gender-Based Violence Survey" (Stħarriġ tal-UE dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru) tal-2024, il-Eurostat, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) jinnotaw li għalkemm il-maġġoranza tan-nisa li esperjenzaw vjolenza tkellmu dwar dan ma' persuna qrib tagħhom, waħda biss minn kull ħamsa kkuntattjat fornitur tal-kura tas-saħħa jew tas-servizzi soċjali, u waħda biss minn kull tmienja rrapportat l-inċident lill-pulizija. Dan ifisser li l-persuni preżenti jista' jkollhom rwol importanti x'jaqdu, billi jirreaġixxu meta jsiru konxji ta' jew jissuspettaw vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, inkluż billi jinvolvu jew jappoġġaw lill-vittma tal-vjolenza. Kulħadd jista' jsib ruħu fil-pożizzjoni ta' persuna preżenti li jew taf jew tissuspetta li qed isseħħ vjolenza. Għalhekk, is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni fost il-popolazzjoni kollha kemm hi huma essenzjali sabiex jiġi żgurat li n-nies ikunu jafu kif jidentifikaw sinjali ta' vjolenza, fejn isibu l-ġajnuna u kif l-aħjar jirreaġixxu jew jintervjenu.
8. It-tfal li huma esposti għal vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika fil-familja jew l-unità domestika tagħhom jew li jkunu xhieda tagħha, huma stess, huma vittmi tal-vjolenza u f'riskju ta' problemi ta' saħħa fiżika u mentali fit-tul, u b'riżultat ta' dan, il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà, inkluż fl-edukazzjoni, tista' tiġi mxejjla. Barra minn hekk, huma jinsabu f'riskju akbar li jkunu esposti għal imġiba vjolenti fir-relazzjonijiet futuri tagħhom jew li jiżviluppaw imġiba vjolenti huma stess.

9. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rifjut tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika huma marbuta b'mod inseparabbli. Fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2024, l-EIGE jinnota li fejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija għolja, hemm inqas ċans li n-nies jiskużaw il-vjolenza kontra n-nisa u dan juri li l-progress lejn UE b'ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa kruċjali biex tinqered il-vjolenza kontra n-nisa.
10. F'Marzu 2025, il-Kummissjoni Ewropea esprimiet il-viżjoni fit-tul tagħha għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-Pjan Direzzjonali tagħha għad-Drittijiet tan-Nisa, li jistabbilixxi prinċipji u għanijiet ta' politika ewlenin, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet.
11. In-nisa u l-bniet huma esposti b'mod sproporzjonat għall-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż l-aktar manifestazzjonijiet estremi u brutali tagħha, bħall-femiċidju. L-irġiel u s-subien jistgħu jkunu wkoll vittmi tal-vjolenza domestika, u jistgħu jiffaċċaw sfidi speċifiċi għall-ġeneru f'dan ir-rigward, peress li l-isterjotipi marbutin mal-ġeneru u n-normi soċjali dannużi jistgħu jiskoraġġuhom milli jikkomunikaw ma' persuna qrib tagħhom, ifittxu trattament jew għajnuna, jew jirrappurtaw is-sitwazzjoni tagħhom.
12. Skont il-preambolu tad-Direttiva (UE) 2024/1385 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, "[l]-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jipprevjenu l-kultivazzjoni ta' sterjotipi tal-ġeneru ta' ħsara sabiex jeliminaw l-idea tal-inferjorità tan-nisa jew tar-rwoli sterjotipizzati tan-nisa u tal-irġiel. Dawn jistgħu jinkludi wkoll miżuri bl-għan li jiġi żgurat li l-kultura, id-drawwiet, ir-reliġjon, it-tradizzjoni jew l-unur ma jiġux ikkunsidrati bħala ġustifikazzjoni għal, jew ma jwasslux għal trattament aktar klementi ta', reati ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika."

13. Sar progress sinifikanti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali fl-isforzi biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, inkluż l-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1385 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Madankollu, dan il-fenomeni inaċċettabbli għadu prevalenti u mhux irrappurtat biżżejjed. Għalhekk hija meħtieġa aktar azzjoni, speċjalment miżuri biex jittejjbu l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija tal-vjolenza kif ukoll tar-riskju ta' vjolenza, u miżuri biex jiġu mħeġġa interventi kontriha qabel ma teskala.
14. Sadanittant, diversi oqfsa strateġiċi b'rilevanza għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri qed jiskadu, inkluż il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni li ġejjin: L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (GAP) III, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (2019-2024), kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-Razziżmu 2020-2025 u l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025.
15. Dawn il-konklużjonijiet huma bbażati fuq ħidma preċedenti u l-impenji politiċi espressi mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX, skont il-kompetenzi tagħhom u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali:

16. Jagħtu attenzjoni xierqa lill-importanza tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u l-intervent meta jimplimentaw id-Direttiva (UE) 2024/1385 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Fid-dawl ta' dan, sabiex tiġi indirizzata l-problema tas-sottorappurtar, huwa partikolarment importanti li jiġu żviluppati u implimentati miżuri effettivi biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li tkun taf dwar jew tissuspetta, bona fide, li jkunu seħħew atti ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, jew li jkunu mistennija li jseħħu atti ta' vjolenza, tirrapporta tali atti lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr ma tibża' minn konsegwenzi negattivi.

17. Jippromwovu t-taħriġ għall-ħaddiema fl-oqsma rilevanti, inkluż għal dawk li jaħdmu ma' komunitajiet minoritarji u dawk li diffiċli jintlaħqu jew ma' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni fost il-popolazzjoni kollha kemm hi, inkluż il-persuni preżenti, dwar l-aċċess għal informazzjoni u pariri dwar modi sikuri u effettivi ta' kif wieħed ifittex l-għajnuna u jipprovdi appoġġ jew jintervjeni b'xi mod ieħor f'każijiet ta' vjolenza jew riskju perċepit ta' vjolenza.
18. Jippromwovu sħubijiet transsettorjali, taħriġ, koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha sabiex jippermettu, pereżempju, lill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, lill-pulizija, lill-awtoritajiet ġudizzjarji, lill-edukaturi, lis-servizzi soċjali, lil postijiet ta' kenn għan-nisa jew f'każ ta' urġenza, lis-servizzi ta' protezzjoni tat-tfal, u lis-soċjetà ċivili, jidentifikaw kmieni kemm jista' jkun ir-riskji u s-sinjali tad-diversi forom ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, inkluż il-vjolenza fiżika, psikoloġika, sesswali, ekonomika, dik iffaċilitata mit-teknoloġija u dik relatata mal-unur, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwieġ furzat u l-femiċidju, kif ukoll il-kontroll koerċittiv, malajr kemm jista' jkun u b'intervent minn kmieni, inkluż permezz ta' riferimenti.
19. Jieħdu miżuri biex jippromwovu l-emanċipazzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa, fost l-oħrajn, billi jtejbu l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jżommu f'moħħhom li l-indipendenza finanzjarja tan-nisa tista' ttejjeb il-kapaċità tagħhom li jtitilqu jew itemmu relazzjoni jew sitwazzjoni vjolenti, u b'hekk jipprevjenu l-eskalazzjoni ulterjuri tal-vjolenza.
20. Jappoġġaw l-iżvilupp ta' għodod u taħriġ għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, il-ħaddiema tal-kura u l-assistenti soċjali sabiex jgħinuhom jidentifikaw il-każijiet ta' vjolenza kontra nisa tqal u ġenituri ġodda, filwaqt li jqisu li l-vjolenza tista' teskala fiż-żmien tat-tqala u tat-twelid, li t-tqala tipprovdi opportunità għall-interventi minħabba ż-żieda fil-kuntatt bejn il-vittmi, l-awturi tar-reati, il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u tal-kura u l-assistenti soċjali, u li ż-żmien viċin it-tqala u l-ħlas jistgħu jipprovdu tieqa ta' opportunità biex isiru interventi u titwaqqaf l-imġiba vjolenti.

21. Jieħdu miżuri biex jipproteġu u jappoġġaw lit-tfal li jgħixu f'ambjent fejn tkun preżenti l-vjolenza kontra n-nisa jew il-vjolenza domestika jew ir-riskju ta' tali vjolenza ikun preżenti, kif ukoll lit-tfal li jkunu tilfu ġenitur minħabba femiċidju jew vjolenza minn sieħeb intimu, sabiex jiġi rifless il-fatt li huma vittmi minnhom infushom u bil-ħsieb li jitnaqqas ir-riskju li dawn it-tfal jiżviluppaw imġiba vjolenti aktar tard fil-ħajja jew li huma stess jerġġhu jsiru vittmi.
22. Jippromwovu s-sensibilizzazzjoni, speċjalment fost it-tfal u l-adulti żgħażaġh rigward l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u rigward relazzjonijiet b'saħħithom u kultura ta' kunsens, inkluż relazzjonijiet sesswali kunsenswali, kif ukoll rigward is-sinjali ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-vjolenza domestika kif ukoll il-firxa u l-konsegwenzi tagħha, kemm online kif ukoll offline, u jiżguraw li matul l-iżvilupp tagħhom ikollhom aċċess għall-ġhajjnuna, il-gwida u l-appoġġ xierqa għall-età tagħhom.
23. Jippromwovu programmi aċċessibbli għat-trattament tal-awturi tar-reati, fejn xieraq, bl-involvement tal-familji tagħhom, u l-inklużjoni ta' salvagwardji biex jiġi evitat li jerġġhu jsiru vittmi, sabiex jappoġġaw ir-riabilitazzjoni tal-awturi tar-reati u jwaqqfu l-imġiba vjolenti tagħhom, kif ukoll sabiex ikissru ċ-ċiklu interġenerazzjonali tal-vjolenza.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI BIEX, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, u bl-involvement tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fejn xieraq:

24. Itejbu l-għbir, l-analiżi, il-pubblikazzjoni u l-użu ta' data dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika u dwar il-konsegwenzi ta' tali vjolenza fuq il-vittmi u s-soċjetà, u jiżguraw li din id-data tkun, bħala minimu, diżaggregata skont is-sess u l-grupp ta' età (tfal/adulti) tal-vittma u tal-awtur tar-reat, u, fejn possibbli u rilevanti tkopri r-relazzjoni bejn il-vittma u l-awtur tar-reat, kif ukoll it-tip ta' reat, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri bbażati fuq l-evidenza u mmirati, filwaqt li jitqies ukoll il-fatt li l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jistgħu jiġu aggravati meta persuna tkun soġġetta għal diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess flimkien ma' kwalunkwe raġuni jew raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 21 tal-Karta u li ċerti vittmi jistgħu jiffaċċaw riskju għola ta' vjolenza skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom, inkluż dawk imsemmija fil-Premessa 71 tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika.
25. Jirrikonoxxu li t-tfal li huma xhieda ta' vjolenza huma vittmi minnhom infushom, iwettqu studji ta' vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika li jkunu xhieda tagħha t-tfal, inkluż dwar il-firxa ta' dan il-fenomeno u l-impatt fit-tul tiegħu fuq it-tfal ikkonċernati, u jqajmu kuxjenza dwar il-problema tal-vjolenza osservata.
26. Jippromwovu r-riċerka, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-iskambju tal-aħjar Prattika dwar il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika permezz tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u l-intervent.

27. Jadottaw u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, inkluż miżuri għall-promozzjoni tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u l-intervent, u jiżguraw li dawn il-pjanijiet ikunu multidixxiplinari, azzjonabbli u ffinanzjati b'mod adegwat, u li s-soċjetà ċivili, inkluż l-organizzazzjonijiet tan-nisa, jiġu kkonsultati b'mod sinifikanti matul l-iżvilupp ta' dawn il-pjanijiet.
28. Iwettqu azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni fis-soċjetà kollha kemm hi, speċjalment fl-istabbilimenti edukattivi, dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, inkluż il-firxa u l-konsegwenzi tagħha, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lir-rwol tal-persuni preżenti u l-kapaċità tagħhom li jintervjenu, u li jindirizzaw kemm lin-nisa kif ukoll lill-irġiel.
29. Jiffaċilitaw u jippromwovu b'mod attiv l-involvement tal-irġiel u s-subien kemm bħala aġenti kif ukoll bħala benefiċjarji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż permezz ta' miżuri biex jiġu miġġielda l-isterjotipi marbutin mal-ġeneru u n-normi soċjali dannużi online u offline, u miżuri biex l-irġiel u s-subien ikunu involuti fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u l-intervent, filwaqt li jqisu li t-tfal jiġu esposti minn età bikrija għal rappreżentazzjonijiet sterjotipiċi mifruxa li joġġettifikaw u jissesswalizzaw lill-bniet u lin-nisa, kemm online kif ukoll offline, li jistgħu jipperpetwaw rwoli u attitudnijiet tal-ġeneru dannużi, u jittrivjalizzaw ukoll il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, speċjalment il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. Jippromwovu miżuri biex tissaħħaħ is-saħħa mentali għal kulħadd u jiġu miġġielda l-isterjotipi marbutin mal-ġeneru u n-normi soċjali negattivi, inkluż it-tabù, li jiskoraġġixxu lin-nisa u lill-bniet, iżda speċjalment lill-irġiel u lis-subien, milli juru vulnerabbiltà, u b'hekk jillimitaw il-kapaċità tagħhom li jfittxu appoġġ meta jkollhom bżonnu, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn il-vjolenza tkun diretta kontribom jew jekk jibzġu li jistgħu jkunu friskju li jwettqu vjolenza.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

30. Tinkludi miżuri għall-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, kemm online kif ukoll offline, inkluż miżuri għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u l-intervent, kif jinsabu f'dawn il-konklużjonijiet, meta jitfasslu dokumenti strateġiċi fil-futur, bħal strateġija awtonoma ta' livell għoli għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-perjodu ta' wara l-2025, li jinkludu kemm miżuri mmirati kif ukoll l-integrazzjoni sistematika ta' perspettiva tal-ġeneru fil-politiki u l-attivitajiet tal-UE.
-

Referenzi

1. Leġislazzjoni tal-UE

Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika

2. Kunsill

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-eradikazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa fl-Unjoni Ewropea (id-dokument 6585/10)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa, u l-proviżjoni ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza domestika (id-dokument 17444/12)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, fosthom il-mutilazzjoni ġenitali femminili (id-dokument 9543/14)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impatt soċjoekonomiku tal-COVID-19 fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (id-dokument 8878/21)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa bħala perkors lejn ugwaljanza sostantiva bejn il-ġeneri (id-dokument 8957/24)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri (id-dokument 16366/24)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Era Diġitali Mmexxija mill-IA: is-sitt rieżami orizzontali tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE (id-dokument 9984/25)

3. Kummissjoni Ewropea

Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025. (Id-dokument 6678/20. Referenza tal-Kummissjoni: COM (2020) 152 final)

Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025. (Id-dokument 13081/20. Referenza tal-Kummissjoni: COM(2020) 698 final)

Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa. (Id-dokument 6756/25. Referenza tal-Kummissjoni: COM(2025) 97 final)

4. Parlament Ewropew

Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2021 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE) (2021/2035(INL))

5. Eurostat, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

EU gender-based violence survey (Stħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru) (2024)

6. Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

Intimate partner violence and witness intervention: what are the deciding factors? (Il-vjolenza minn sieheb intimu u l-intervent mix-xhieda tagħha: x'inhuma l-fatturi deċiżivi?) (2020)

Combating Cyber Violence against Women and Girls (Il-Ġlieda kontra l-Vjolenza Ċibernetika kontra n-Nisa u l-Bniet) (2022)

Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (2024)

https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/gender-equality-index-2024-tackling-violence-against-women-tackling-gender-inequalities?language_content_entity=en

7. Nazzjonijiet Uniti

Id-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni (L-aġenda tan-NU għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa) Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW)

8. Kunsill tal-Ewropa

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") (CETS Nru 210)

9. Oħrajn

Effects of domestic violence on children (L-effetti tal-vjolenza domestika fuq it-tfal)

(Uffiċċju għas-Saħħa tan-Nisa, Dipartiment tas-Saħħa u s-Servizzi tal-Bniedem tal-Istati Uniti, 2024)

<https://womenshealth.gov/relationships-and-safety/domestic-violence/effects-domestic-violence-children#references>
